MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Numru. 851/2006

**Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Nicholas Galea bin Carmel u Mary nee' Mizzi imwieled fis-06 ta' Settembru 1965 u residenti gewwa 50, Triq Vajringa, Rabat, Ghawdex detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 31065(G)**

**Il-Qorti;**

**R**at l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Nicholas Galea li gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Ottubru 2006 ghal habta ta' 13:00hrs waqt li kien fil-bini tal-Qorti ta' Ghawdex fir-Rabat, Ghawdex:-

1. kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

2. aktar talli hebb kontra l-persuna ta’ Guzepp Mizzi bil-hsieb li iweggghu jew sabiex ighamillu hsara.
3. aktar talli hebbejt ghal John Mary Sciberras bil-hsieb li tweggghu jew sabiex ighamillu hsara.
4. hedded lil Angelo Mizzi bil-kliem.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fil-jum ta’ dan l-incident li sehh fl-edificju tal-Qorti l-partijiet involuti u cioe’ l-familja Galea u l-familja Mizzi kienu ghadhom kemm hargu mill-awla tal-Qorti fejn kienet qed tinstema kawza civili bejniethom u dana quddiem il-Qorti Civili ippresjeduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona. Il-partijiet kollha jaqblu illi hekk kif hargu mill-awla Anglu Mizzi u Maria Galea tkellmu bejniethom u gie skambjat xi diskors bejniethom fuq kif setghu jirrangaw id-divergenzi ta’ bejniethom. Jidher madanakollu illi xi familjari li kienu maghhom ma hadux pjacir meta raw lil dawn it-tnejn jitkellmu u ghalhekk xi hadd minnhom indahal bejniethom bid-diskors u hawnhekk jidher illi l-partijiet involuti gew fl-idejn. Ma hemmx qbil bejniethom madanakollu min minnhom ta l-ewwel daqqa, ghaliex filwaqt illi l-familja Galea jippuntaw subajghom lejn John Mary Sciberras, Anglu u Joseph Mizzi, l-ohrajn jikkontendu illi kien Nicholas Galea li taha l-ewwel daqqa lil Sciberras. Ix-xhieda okulari li kien hemm prezenti jidher illi ma assistewx ghall-mument li bdiet il-glieda probabbilment ghaliex kollox sehh f’temp ta’ ftit minuti jekk mhux sekondi, izda kollha jaqblu illi raw lil dawn in-nies maqbudin f’taqtiegha bejniethom. Jidher illi f’xi hin Carmelo Galea l-anzjan u cioe’ r-ragel ta’ Maria Galea f’xi hin spicca mitfuh mit-tarag ghal isfel u anke jidher ukoll illi John Mary Sciberras kien qieghed isawtu u fil-fatt ix-xhieda okulari kollha jaqblu illi dana l-anzjan l-iktar li kellu demm. Sciberras jikkontendi illi huwa ghamel dana meta Carmelo Galea tah daqqa duq dahru u hu

mbuttah. Madanakollu jidher mix-xhieda ta’ dawk li kienu presenti u cioe’ b’mod specjali ta’ Franco Galea u Lucy Saliba illi l-anzjan Carmelo Galea u Nicholas Galea kienu qed ixejru daqqiet sabiex jiddefendu ruhhom mill-agressjoni ta’ dawn it-tlieta min-nies. Fil-fatt jidher illi anke Maria Galea u bintha Marianne Attard laqtu xi daqqiet meta marru biex jintervjenu sabiex jiddefendu lil Carmelo u lil Nicholas.

Il-Qorti tistqarr illi x-xhieda ta’ Joseph Mizzi, John Mary Sciberras u Angelo Mizzi fil-maggior parti taghha hija inverosimili b’mod specjali x-xhieda ta’ Joseph Mizzi li pprova igieghel lil dina l-Qorti temmen illi Carmelo Galea qabad lil martu minn xagharha u beda jnizzilha mal-art, tant illi f’hin minnhom dina l-Qorti hasset li kienet iktar qed tassisti ghal xi tejatrin milli tisma xhieda ta’ xhud bil-gurament. Ix-xhieda tal-familja Galea hija wahda iktar kredibbli u verosimili u ghalkemm il-Qorti temmen illi meta mbaghad faqqghet il-glieda kulhadd ha parti attiva fiha, madanakollu ma hemmx dubbju illi l-persuna li qalghet dina l-glieda kienet John Mary Sciberras li kien l-ewwel li refa’ jdejh tant illi wara faqqghet glieda shiha bejn dawn iz-zewg familji diga mkissra b’disgwid familjari bejniethom.

Illi fil-fatt ic-certifkati medici kkonfermati bix-xhieda ta’ Dr. Michael Portelli kif ukoll ir-ritratti Dokumenti MD1 sa MD8 jindikaw illi l-familja Galea sofrew diversi griehi, ghalkemm kollha ta’ natura hafifa, filwaqt illi Anglu Mizzi sofra minn ugigh u t-tnejn l-ohra ma sofrew l-ebda griehi. Dana kollu jindika minghajr dubbju illi l-agressjoni kienet gejja min-naha tal-familja Mizzi diretta lejn ta’ Galea. Illi mill-provi lanqas ma jirrizulta illi Nicholas Galea qal xi kliem ta’ theddid fil-konfront ta’ Angelo Mizzi u li Nicholas Galea hebb ghal Sciberras u ghal Mizzi sabiex jiddefendi lilu innifsu u lil missieru Carmel Galea.

Il-Qorti madanakollu ser issib htija ghar-rigward tal-ewwel akkuza billi l-imputat kien involut f’dina t-taqtiegha u ghalhekk kiser il-paci pubblika kif akkuzat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt illi tillibera lill-imputat

mit-tieni, t-tielet u r-raba akkuzi migjuba fil-konfront tieghu issibu hati tal-ewwel u fic-cirkostanzi tikkundannah reprensjoni u ammonizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------